**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 516/2019 AGV**

**AB (ID nru: 169478 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 433580 M)**

**Il-Qorti ;**

**Rat r-rikors ta' AB datat 11 ta' Novembru 2019 fejn espona bir-rispett u kkonferma ;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2004, (certifikat anness u mmarkat Dok A), u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, E li twieled fil- 25 ta' April 2005, u F li twieldet fid- 9 ta' Novembru 2010;

2. Illi l-parirjiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt min- Nutar Dr. Jean Carl Debono, mil- 4 ta’ Novembru 2015 (kopja ta’ liema qed tigi hawn anness u mmarkat Dok B);
3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2014 u ghalhekk jissodisfaw il-vot tal-Ligi li ilhom ma jghixu flimkien ghal perjodu ta’ aktar minn erba’ snin mill-ahhar hamsa qabel illum;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partjiet, stante illi minbarra li ilhom mifrudin ‘il fuq minn erba’ snin li trid il-Ligi, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi inoltre ai termini tal-klawsola 4 tal-kuntratt fuq imsemmi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, liema rinunzja giet dikjarata definittiva u li tibqa’ vigenti anke jekk ic-cirkustanzi taghhom jinbiddlu;
6. Illi ghal rigward tal-minuri ulied, il-partijiet qed jircievu manteniment adegwat skont il-kontribuzzjoni miftiehma fi kawsola 5 tal-istess kuntratt u ma hemmx pendenzi fir-rigward;
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kudizzjnonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal- Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta;

**Ghaldaqstant, umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex**;

1. Tippronnzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.
3. Tordna li l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Rat ir-risposta ta’ CD** datata 3 ta’ Frar, 2020, fejn ippremettiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt in atti tan-nutar Jean Carl Debono tal- 4 ta’ Novembru 2015 u lanqas m’ huwa ikkonetstat li miz-zwieg tal-paritijiet twiedlu zewgt itfal;
2. Illi lanqas m’ huwa ikkontestat illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghal iktar minn erba’ snin;
3. Illi madankollu jinghad li ghal kuntrarju ta’ dak li jtenn ir-rikors guramentat, jinghad li r-rikorremt naqas milli jhallas l-awment tal-gholi tal-hajja fuq il-manteniment pattwit mill-partijiet, tant li llum hemm arretrati ta’ Eur 448.44 f’ dar-rigward (skeda annessa u mmarkata Dok. A);
4. Illi inoltre’ l-esponenti tissometti illi hemm pendenti ukoll kont tad-dentist taz-zewgt ulied li sal-lum ir-rikorrent ghadu ma ssaldax;
5. Illi finalment l-esponent topponi ukoll ghal ispejjez kollha tal-procedura odjerna, li ghandhom jigu allokati lir-rikrorent jew jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tant ghandha x’ tissometti l-esponenti f’ dal-istadju a savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 12 ta’ Marzu, 2020, Dr. Sharon Mizzi ghall-intimata ma ssibx oggezzjoni li jinghata d-digriet tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**